**Motiv invokat**

Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

## Rikors ippreżentat fil-25 ta' Novembru 2014 – SolarWorld vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-783/14)**

(2015/C 073/51)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* SolarWorld AG (Bonn, il-Ġermanja) (rappreżentanti: L. Ruessmann, avukat u J. Beck, Solicitor)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tiddikjara r-rikors ammissibbli u fondat;

— tannulla l-att ikkontestat; u

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tar-rikorrenti.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Permezz tar-rikors tagħha r-rikorrenti titlob l-annulment tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li taġġusta l-prezz minimu ta' importazzjoni ta' importazzjonijiet ta' moduli kristallini fotovoltajċi tas-silikon u komponenti ewlenin li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

Insostenn ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti tinvoka motiv wieħed li jallega li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 8(1) tar-Regolament Nru 1225/2009 ([1]) u l-Artikolu 13(1) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 597/2009 ([2]) billi aġġustat il-prezz minimu ta' importazzjoni mingħajr ma evalwat jekk il-prezz minimu ta' importazzjoni hekk aġġustat kienx adegwat sabiex jelimina l-effetti dannużi tad-dumping u tas-sussidji.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009, tat-30 ta' Novembru 2009, dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU 2009 L 343, p. 51).

([2]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009, tal-11 ta' Ġunju 2009, dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea (ĠU 2009 L 188, p. 93).

---

## Rikors ippreżentat fl-1 ta' Diċembru 2014 – Bourdouvali *et* vs Il-Kunsill *et*

**(Kawża T-786/14)**

(2015/C 073/52)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Eleni Pavlikka Bourdouvali (Meneou, Ċipru) u 47 rikorrent ieħor (rappreżentant: P. Tridimas, Barrister)

*Konvenuti:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea, l-Unjoni Ewropea rrappreżentati mill-Kummissjoni Ewropea, Eurogroup irrappreżentat mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Bank Ċentrali Ewropew